



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburg, 21.10.2025
COM(2025) 871 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar

Rapport annwali Ġenerali tal-2025 dwar is- Simplifikazzjoni, l- Implimentazzjoni u l- Infurzar

OTTUBRU 2025

1. Daħla

Daħla mill-President

Is-simplifikazzjoni hija essenzjali għall-kompetittività tagħna. Mir-rapport dwar il-kompetittività tas-sena l-oħra minn Mario Draghi u r-rapport dwar is-Suq Uniku minn Enrico Letta, l-aġenda ta' simplifikazzjoni għall-Ewropa kisbet momentum. Jeħtieġ li nneħħu l-ostakli li jnaqqsu r-ritmu tan-negozji tagħna, u li jagħmluha aktar faċli li ninvestu u noħolqu l-impjiegi fl-Ewropa. Dan l-għan huwa ċentrali għal-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni tiegħi. Sa mill-bidu ta' dan il-mandat il-ġdid, għamilna minn kollox nagħmlu l-Unjoni tagħna aktar rapida u sempliċi, aktar iffukata u aktar ta' appoġġ għall-kumpaniji Ewropej. Iżda s-simplifikazzjoni waħedha mhijiex biżżejjed. Ir-regoli tagħna jridu wkoll jiġu implimentati kif xieraq mill-Istati Membri, u meta dan ma jseħx, irridu nieħdu azzjoni. Is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar jimxu id f'id.

Is-simplifikazzjoni kienet fil-qalba tal-ħidma tagħna, u s'issa ressaqna sitt omnibuses ta' simplifikazzjoni. Ladarba jidhru fis-seħħ, se jagħmlu differenza reali għan-negozji Ewropej: dawn se jwasslu għal inqas burokrazija u regoli inqas kumplessi, filwaqt li jirrispettaw l-istandards soċjali u ambjentali tagħna. Ipproponejna miżuri ta' simplifikazzjoni li jirriżultaw fi tnaqqis ta' aktar minn EUR 8.6 biljun tal-kostijiet għall-kumpaniji u ċ-ċittadini. Issa jeħtieġ li nżommu l-mentalità ta' urġenza. Din is-sena, hemm aktar omnibuses fi triqthom, u huwa vitali li l-koleġislaturi jaġixxu malajr sabiex il-proposti ta' simplifikazzjoni tagħna jkunu jistgħu jagħtu r-riżultati immedjatament għan-negozji tagħna.

L-implimentazzjoni hija l-pass fundamentali li jmiss. Dan mhuwiex biss dwar is-simplifikazzjoni tar-regoli tagħna, iżda wkoll biex jiġi żgurat li dawn jiġu implimentati b'mod korrett fil-ħin. L-Istati Membri huma l-imsieħba primarji tal-Kummissjoni biex jiżguraw li dan ikun il-każ. Iżda huwa vitali wkoll li nilħqu lin-negozji, lis-sħab soċjali u lill-partijiet ikkonċernati b'mod ġenerali, biex nifhmu aħjar fejn l-implimentazzjoni hija skorretta jew mhux kompluta. Matul l-aħħar xhur, il-Viċi Presidenti Eżekuttivi u l-Kummissarji involvew ruħhom ma' aktar minn 550 parti kkonċernata mill-Istati Membri kollha permezz ta' 28 Djalogu ta' Implimentazzjoni. Dan ipprovdilna l-għarfien meħtieġ dwar kif nissimplifikaw u nappoġġaw aktar l-implimentazzjoni tar-regoli u l-politiki tagħna.

L-infurzar tal-liġi tal-UE huwa wkoll kruċjali. L-esperjenza turi li l-aktar mod rapidu biex ninfurzaw ir-regoli tagħna huwa permezz ta' kooperazzjoni mal-Istati Membri. Fl-ewwel seba' xhur tal-2025, il-Kummissjoni nediet 168 djalogu ta' qabel il-ksur (EU Pilot). F'żewġ terzi tad-djalogi magħluqa, solvejna l-kwistjoni inkwistjoni. Fl-istess perjodu, nedejna wkoll 373 każ ta' ksur — u għalaqna kważi l-istess ammont minnhom. 95 % tal-każijiet ġew solvuti qabel ma kellna nressquhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Dan ifisser inqas inċertezza għall-Ewropej, u inqas żmien qabel ma jaħsdu l-benefiċċji tal-politiki Ewropej. L-għan tagħna huwa dejjem li niżguraw li r-regoli li naqblu magħhom flimkien jiġu implimentati bis-sħiħ, malajr kemm jista' jkun — sabiex ikunu jistgħu jibdeu jagħmlu differenza reali għan-nies tal-Ewropa.

Dan ir-rapport jirrifletti l-progress miksub s'issa u jstabbilixxi l-istadju għal aktar progress. Simplifikazzjoni, implimentazzjoni, infurzar: dan huwa l-approċċ tal-Kummissjoni tiegħi — għal Unjoni li tagħti riżultati u kontinent li jikkompeti fix-xena globali.



Ursula von der Leyen

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea

Daħla mill-Kummissarju Valdis Dombrovskis

Fil-bidu tas-sena, ħejjejna viżjoni biex inħaffu b'mod sinifikanti l-piż regolatorju għan-nies, għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet fl-Ewropa, u biex intejbu l-implimentazzjoni tal-politiki tagħna. Impenjajna ruħna li nipproponu simplifikazzjoni bla preċedent tar-regoli tal-UE, biex nagħtu spinta lill-prosperità u lir-reżiljenza, u nedejna sforz ġdid biex ir-regoli jkunu aktar ċari u biex dawn jiġu implimentati aktar malajr, sabiex ikunu jistgħu jilħqu aħjar l-oġettivi tagħhom fil-prattika.

Id-dijanjożi tagħna kienet ċara u kondiviża b'mod wiesa'. L-akkumulazzjoni ta' regoli matul iż-żmien f'livelli differenti, u l-kumplexità akbar tagħhom, qed ikollhom impatt negattiv sinifikanti fuq il-kompetittività u fuq il-prosperità tal-Ewropa. U l-indirizzar ta' din ir-realtà jirrikjedi azzjoni kuraġġuża u miftiehma, aktar milli approċċ inkrementali. It-tiżiż tal-kompetittività tal-UE jirrikjedi ambjent legali li jstimula l-ħolqien u t-tkabbir tan-negozji bl-aktar mod sempliċi, mgħaġġel u effettiv possibbli, filwaqt li jipproteġi u jagħti s-setgħa lin-nies.

Fi ftit xhur biss, il-Kummissjoni ressqet sitt pakketti omnibus f'oqsma bħar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà, id-diliġenza dovuta, il-kimiċi, it-tnejja għad-difiża, kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja u l-agrikoltura. Flimkien ma' inizjattivi oħra ta' simplifikazzjoni, jistgħu jwasslu għal aktar minn EUR 8,6 biljun f'iffrankar, f'termini ta' kostijiet amministrattivi rikorrenti. Dawn il-proposti huma l-ewwel pass ewlieni lejn il-kisba tal-mira ta' tnaqqis ta' 25 % u 35 % għall-SMEs li se jsarrfu għal iffrankar ta' EUR 37.5 biljun għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi sa tmiem dan il-mandat.

L-impenn tagħna li gradwalment nagħmlu "test tal-istress" tal-acquis tal-UE diġà wassal għall-ewwel sett ta' proposti leġiżlattivi li se jissimplifikaw ir-regoli tal-UE. U dawn l-isforzi se jkomplu, kif rifless fil-Programm ta' Hídma tal-Kummissjoni tal-2026. Se nkomplu nindirizzaw is-sorsi kollha għall-piż regolatorju – il-kostijiet amministrattivi rikorrenti, kif ukoll kostijiet ta' konformità b'mod aktar ġenerali. Dan it-tnaqqis fil-kostijiet huwa meħtieġ biex l-Ewropa tilħaq il-miri ekonomiċi, soċjali u ambjentali ambizzjużi tagħha mhux biss fuq il-karta, iżda wkoll fil-prattika.

Il-Kulleġġ tal-Kummissarji ngħaqad madwar dan il-għan. Kull Kummissarju kellu mill-inqas djalogu wieħed dwar l-implimentazzjoni, u ħafna diġà ressqu pakketti ambizzjużi ta' simplifikazzjoni. Flimkien, qed insawru kultura istituzzjonali ġdida – waħda li hija aktar miftuħa u reattiva, tiffoka fuq l-effiċjenza u r-risultati, u tipprijorizza t-titjib tar-regoli eżistenti aktar milli fuq il-ħolqien ta' oħrajn ġodda.

Aħna impenjati wkoll għall-oġġla livelli ta' trasparenza, akkontabbiltà, u djalogu u kooperazzjoni interistituzzjonali. Dan ir-rapport ġenerali annwali, u r-rapporti ta' progress individwali minn kull Kummissarju, huma ċentrali għal dawk l-għanijiet. Dawn huma kkomplementati mill-informazzjoni estensiva disponibbli fuq is-sit elettroniku Europa dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar.

L-ilħuq tal-oġġettivi tagħna ta' simplifikazzjoni jeħtieġ impenn kondiviż fost l-istituzzjonijiet Ewropej kollha, u b'mod partikolari l-Parlament u l-Kunsill bħala koleġiżlaturi. Għandna responsabbiltà kondiviża li nittrattaw il-proposti ta' simplifikazzjoni malajr u b'mod iffukat, filwaqt li nżommu livell għoli ta' ambizzjoni.

U madankollu, hekk kif qegħdin nimxu 'l quddiem biex nissimplifikaw ir-regoli tagħna u ntejbu l-implimentazzjoni tagħhom, ma aħniex qed nibzġu ninfurzawhom. Il-Kummissjoni se tkompli tieħu azzjoni ta' infurzar soda fl-interessi taċ-ċittadini u tan-negozji fis-Suq Uniku kollu.



Valdis Dombrovskis

Kummissarju għall-Ekonomija u għall-Produttività; għall-Implimentazzjoni u għas-Simplifikazzjoni

2. Sommarju eżekuttiv

Il-ħolqien ta' Ewropa aktar sempliċi u rapida huwa **prijorità trażversali** ewlenija għall-mandat tal-2024-2029, u dan jimmarka bidla kulturali u istituzzjonali fil-Kummissjoni Ewropea. Il-prijorità hija li jiġu ssimplifikati sistematikament il-liġijiet u l-politiki tal-UE madwar l-Ewropa sabiex dawn jiksibu effett massimu, filwaqt li jittejbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom.

Kif ifformulat mil-[Linji Gwida Politiċi tal-President](#) u mill-[Komunikazzjoni "Ewropa aktar sempliċi u rapida"](#), il-veloċità, il-koerenza u s-sempliċità issa huma prijoritajiet politiċi ewlenin. Dan huwa kruċjali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE kif deskritt fil-Boxxa għall-Kompetittività li se tiggwida l-azzjoni tagħna matul dan il-mandat. Kull Kummissarju ngħata l-kompitu li jnaqqas il-piżijiet amministrattivi u li jissimplifika l-implimentazzjoni. 11 minn 18-il inizjattiva leġislattiva fil-[Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2025](#) kellhom l-għan, kompletament jew parzjalment, li jissimplifikaw il-liġijiet u l-politiki.

Dan huwa l-**ewwel rapport ġenerali annwali** li jiġbor fil-qosor ir-riżultati ewlenin tal-ħidma tal-Kummissjoni fit-tliet komponenti ewlenin tal-isforz il-ġdid biex tinkiseb Ewropa aktar sempliċi u rapida. B'mod komplementari, kull Membru tal-Kulleġġ ħejja Rapport ta' Progress Annwali dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar skont il-portafolli tagħhom. Dawn kollha jkopru l-perjodu sal-31 ta' Lulju 2025¹.

F'6 xhur biss, il-Kummissjoni adottat sitt pakketti ta' inizjattivi ("omnibuses") u proposti oħra li għandhom l-għan li **jnaqqsu l-piż u li jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni**, filwaqt li jnaqqsu l-kostijiet b'aktar minn EUR 8,6 biljun. Barra minn hekk, għamlet progress fuq l-ittestjar tal-istress fir-rigward tal-acquis tal-UE f'diversi oqsma, inkluż id-dritt dwar l-enerġija, id-dritt finanzjarju, id-dritt diġitali u d-dritt tal-kumpaniji u d-dritt tal-konsumaturi, filwaqt li bniet fuq il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati riċevut matul il-kontrolli tar-realtà u d-djalogi dwar l-implimentazzjoni.

Aktar minn 550 parti kkonċernata ġew ikkonsultati permezz ta' 28 djalogu dwar l-implimentazzjoni organizzati mill-Membri tal-Kulleġġ, f'koordinazzjoni mal-Kummissarju għall-Implimentazzjoni u għas-Simplifikazzjoni. Dawn id-djalogi huma wkoll parti mill-għodod ta' konsultazzjoni l-ġodda żviluppati biex titħaffef l-**implimentazzjoni** tal-liġijiet, tal-politiki u tal-finanzjament tal-UE madwar l-Istati Membri. Il-Kummissjoni appoġġat lil Stati Membri permezz ta' diversi strumenti biex jiksibu t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni sħaħ tar-regoli miftiehma b'mod konġunt tagħna u **infurzat id-dritt tal-UE** b'determinazzjoni.

L-aħħar parti tar-rapport tippreżenta l-passi li jmiss f'din il-ħidma fl-isforz lejn **bidla reali tal-kultura regolatorja** madwar l-Unjoni Ewropea. Tenfasizza l-importanza tas-sħubija u l-ħidma kontinwa flimkien mal-Parlament u mal-Kunsill, filwaqt li tikkondividi wkoll ir-responsabbiltà mal-Istati Membri biex tinkiseb Ewropa aktar rapida u sempliċi.

Sabiex din l-aġenda ambizzjuża tinneksi, il-Kummissjoni tibbaża fuq **il-Parlament Ewropew u l-Kunsill** biex isostnu u saħansitra jaċċelleraw il-ħidma fuq il-pakketti "omnibus" u proposti oħra ta' simplifikazzjoni, filwaqt li jżommu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom u jiżguraw li l-benefiċċji jinħassu malajr. Anke **l-Istati Membri** għandhom rwol kruċjali. L-involvement proattiv tagħhom huwa essenzjali biex jitnaqqas il-piż regolatorju ġenerali fuq in-nies u fuq in-negozji, u biex jiġi żgurat li l-liġijiet u l-politiki tal-UE jiġu implimentati malajr u b'mod effiċjenti. Il-Kummissjoni tappella wkoll lill-Istati Membri biex jipparteċipaw fl-isforzi ta' simplifikazzjoni billi jissimplifikaw u jnaqqsu l-burokrazija li tirriżulta mir-regoli nazzjonali.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-isforz biex jiġu ssimplifikati l-liġijiet u l-politiki tal-UE matul is-snin li ġejjin. Dan huwa rifless fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 adottat fl-istess ħin ta' dan ir-rapport — b'aktar minn nofs l-inizjattivi li għandhom dimensjoni qawwija ta' simplifikazzjoni. Se nkomplu wkoll nużaw l-għodod u r-riżorsi kollha tagħna biex naċċelleraw l-implimentazzjoni u mhux se noqogħdu lura milli nużaw il-mekkaniżmi ta' infurzar biex niżguraw li r-regoli miftiehma jagħtu l-aħjar riżultati possibbli.

3. Il-ksib ta' riżultati: miżuri ewlenin

¹ Dan l-ewwel rapport ġenerali jkopri l-perjodu ta' 7 xhur. Ir-rapport li jmiss se jkopri l-perjodu ta' 12-il xahar, mill-1 ta' Awwissu 2025 sal-31 ta' Lulju 2026.

"Biex niproteġu l-impjiegi, jeħtieġ li nagħmlu n-negozju fl-Ewropa aktar faċli. U l-omnibuses li ressaqna s'issa se jagħmlu differenza reali. Anqas burokrazija, anqas trikkib, regoli anqas kumplessi. Il-proposti tagħna se jnaqqsu EUR 8 biljun fis-sena ta' kostijiet burokratiċi għall-kumpaniji Ewropej."

*Diskors dwar-Istat tal-Unjoni mill-President von der Leyen
10 ta' Settembru 2025, Strasburg*

A. Simplifikazzjoni u testijiet tal-istress

Is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż huma partijiet essenzzjali mill-aġenda tagħna biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE. Fi sforz bla preċedent biex tissimplifika u tagħmel progress sostnut u li jista' jitkejjel, il-Kummissjoni hija ffukata fuq it-tneħħija tal-ostakli fis-suq uniku u fuq it-tneħħija tal-ostakli regolatorji għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Stabbiliet miri ambizzjużi biex tnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji kollha b'mill-inqas 25 % u b'35 % għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs, small and medium enterprises) sa tmien il-mandat ta' din il-Kummissjoni. F'Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi biex jaħdmu lejn l-ilħuq ta' dawn il-miri.

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2025, li fih, **11 minn 18-il proposta** għandhom enfasi qawwija fuq is-simplifikazzjoni, iqiegħed din l-aġenda fis-seħħ. Minn Frar 2025, abbażi ta' kontribut partizipattiv ikkonċernati u analiżi interna, il-Kummissjoni ressqet sitt pakketti ta' inizjattivi li għandhom, b'mod speċifiku, l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv u li jissimplifikaw il-qafas leġislativ. Dawn il-pakketti – imsejja l-proposti omnibus minħabba n-natura trażversali u mmirata tagħhom u li jikkomplementaw proposti oħra ta' simplifikazzjoni – se jnaqqsu l-piżijiet għall-SMEs, għal kumpaniji akbar u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi b'aktar minn **EUR 8,6 biljun f'iffrankar rikorrenti tal-kostijiet amministrattivi**.

L-Omnibus I hija inizjattiva estensiva biex jiġu ssimplifikati r-regoli dwar **ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà, id-diliġenza dovuta dwar is-sostenibbiltà u t-tassonomija** (iffrankar ta' EUR 4,5 biljun). Minbarra li naqqset l-għadd ta' kumpaniji soġġetti għal rekwiżiti ta' rappurtar dwar is-sostenibbiltà u l-limitat ir-rappurtar fil-katina tal-valur, ipposponiet b'sentejn ir-rekwiżiti għal ċerti kumpaniji, inklużi dawk iżgħira (l-hekk imsejja kumpaniji tat-tieni mewġa u tat-tielet mewġa) soġġetti għad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà. Hija pposponiet ukoll b'sena l-iskadenza tat-traspożizzjoni u d-data tal-applikazzjoni għall-ewwel grupp ta' kumpaniji skont id-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw din il-miżura fis-17 ta' April 2025, u l-emendi għall-att delegat dwar it-Tassonomija ġew adottati f'Lulju 2025. Il-partizipazzjoni l-oħra tal-pakkett huma mistennija li jiġu adottati sa tmien l-2025.

Barra minn hekk, fi ħdan l-Omnibus I, il-proposta għas-simplifikazzjoni tal-**Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri** tneħħi l-obbligi relatati għal madwar 182 000 jew 90 % tal-importaturi, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma SMEs, u b'hekk jinħoloq iffrankar ta' EUR 1,2 biljun. Din ġiet approvata mill-koleġislaturi f'Ottubru 2025.

L-Omnibus II dwar is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-investiment tagħmilha aktar faċli kemm li jintużaw kif ukoll li mbagħad isir rapport dwar l-InvestEU u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (iffrankar ta' EUR 350 miljun, li minnhom jiġu ffrankati kostijiet amministrattivi ta' darba ta' EUR 324 miljun u jiġu mmobilizzati EUR 50 biljun f'kapacià addizzjonali ta' investiment pubbliku u privat). Huwa pplanat li jiġi adottat mill-koleġislaturi dalwaqt.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll is-simplifikazzjoni tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u l-faċilitazzjoni tal-proċeduri. Id-diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għadhom għaddejjin.


L-Omnibus III dwar il-politika agrikola komuni tnaqqas il-kumplessità u l-piż amministrattiv eċċessiv għall-bdiewa u għall-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-ġestjoni, fil-monitoraġġ u fir-rappurtar, u tiegħu vantaġġ mill-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni (biex jiġu ġġenerati EUR 1,58 biljun f'iffrankar annwali għall-bdiewa u EUR 210 miljun għall-amministrazzjonijiet). Id-diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill dwar din il-proposta jinsabu fi stadju avanzat.

L-Omnibus IV dwar il-kumpaniji żgħira b'kapitalizzazzjoni medja, id-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni tippermetti lill-kumpaniji żgħira b'kapitalizzazzjoni medja jibbenefikaw minn xi wħud mill-istess rekwiżiti anqas stretti bħall-SMEs, telimina talbiet ineffiċjenti f'format stampat fil-leġislazzjoni dwar il-prodotti u tipposponi l-applikazzjoni tar-regoli tad-diliġenza dovuta dwar il-batteriji, li ġew miftiehma f'Lulju 2025 (iffrankar ta' EUR 380 miljun). Id-diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għadhom għaddejjin.

L-Omnibus V dwar il-**prontezza għad-difiża** tissimplifika r-regoli tal-UE applikabbli għall-industrija Ewropea tad-difiża biex jiġi ffaċilitat l-investiment u jkun aktar faċli li jitfasslu, jiġu żviluppati, jiġu mmanifatturati u jitwasslu prodotti u teknoloġiji tad-difiża. Din tindirizza kemm il-leġislazzjoni speċifika tal-UE dwar id-difiża kif ukoll il-leġislazzjoni ġenerali b'impatt fuq l-attivitàjiet tad-difiża. Id-diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għadhom għaddejjin.

L-Omnibus VI tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u l-piż amministrattiv għall-**industrija tas-sustanzi kimiċi** filwaqt li żżomm livell qawwi ta' ħarsien tas-saħħa pubblika u tal-ambjent. Tissimplifika r-regoli dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar, l-imballaġġ tas-sustanzi kimiċi, il-prodotti fertilizzanti u l-prodotti kożmetiċi (il-ħolqien ta' ffrankar ta' EUR 363 miljun, fosthom EUR 290 miljun f'iffrankar rikorrenti). Id-diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għadhom għaddejjin.

Flimkien ma' inizjattivi oħra, b'ħaqq-pakkett ta' miżuri biex jinħoloq qafas ta' titolizzazzjoni aktar sempliċi u standardizzat, il-proposti omnibus jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mira tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'**mill-inqas 25 %**, u b'**mill-inqas 35 %** għall-**SMEs**. L-ilħuq ta' din il-mira jirrikjedi t-tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi rikorrenti b'**EUR 37,5 biljun** sa tmiem il-mandat. B'EUR 8,6 biljun² f'iffrankar ta' kostijiet amministrattivi, il-Kummissjoni diġà pproponiet **aktar minn għoxrin fil-mija tal-mira fl-ewwel ftit xhur** ta' dan il-mandat ta' 5 snin, li issa huwa f'idejn il-koleġiżlaturi biex imexxuhom 'il quddiem malajr. Barra minn hekk, b'dawn il-miżuri, il-Kummissjoni naqqset ukoll il-kost ta' darba b'ammont ta' EUR 4 biljun. B'mod ġenerali, l-ilħuq ta' dan l-għan iżid b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni tal-approċċ ta' "one in, one out" meħud matul il-perjodu 2022-2024, li fih il-Kummissjoni pproponiet iffrankar nett tal-kostijiet amministrattivi għan-negozji u għaċ-ċittadini li jammonta għal kważi EUR 14-il biljun.



Il-proposti omnibus inkludew ukoll **iffrankar speċifiku għall-SMEs** li jammonta għal aktar minn EUR 2,8 biljun. Dan jinkludi ffrankar ta' EUR 1,6 biljun f'Omnibus III (il-politika agrikola komuni), EUR 830 miljun fil-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (Omnibus I), EUR 180 miljun fl-Omnibus IV (kumpaniji żgħira b'kapitalizzazzjoni medja u d-diġitalizzazzjoni) u ffrankar rikorrenti ta' EUR 67 miljun li jirriżulta minn Omnibus VI (sustanzi kimiċi).

Minbarra t-tnaqqis kwantifikabbli tal-piż amministrattiv, il-pakketti omnibus adottati s'issa jintroduċu diversi **miżuri li minnhom jibbenefikaw l-SMEs** f'setturi differenti u jgħinuhom jagħmlu n-negozju fl-UE. Il-Kummissjoni pproponiet l-esklużjoni tal-SMEs elenkati mill-obbligi ta' rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà, filwaqt li limitu massimu tal-katina tal-valur u standard volontarju

jipproteġu lill-kumpaniji b'anqas minn 1,000 impjegat minn talbiet għal informazzjoni sproporzjonati. Skont id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva, il-Kummissjoni pproponiet tarka li tħares lill-SMEs kontra t-trasferiment tal-piż minn kumpaniji kbar, kif ukoll valutazzjonijiet anqas frekwenti u passi aktar proporzjonati. Il-bidliet proposti għall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri jissimplifikaw il-konformità għall-SMEs billi jeżentaw lill-importaturi żgħira, ta' taħt il-50 tunnellata fis-sena, u jiffaċilitaw ir-rekwiżiti tar-rappurtar, tal-awtorizzazzjoni u tal-kalkolu tal-emissjonijiet. L-SMEs huma mistennija wkoll li jiggwadanjaw minn proċeduri amministrattivi ssimplifikati li jtejbju l-aċċess għall-InvestEU (Omnibus II). Il-bdiewa ż-żgħira huma mistennija jirċievu appoġġ permezz ta' skema ta' pagament ssimplifikata, u jibbenefikaw minn kontrolli ssimplifikati, ġestjoni aktar b'saħħitha tal-kriżijiet, u kompetittività u appoġġ għad-diġitalizzazzjoni mtejbja (Omnibus III).

B'mod aktar ġenerali, l-SMEs se jibbenefikaw ukoll mis-sostituzzjoni ta' rekwiżiti f'forma stampata bi proċessi diġitali, obbligi ssimplifikati għaż-żamma tar-rekords fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u limiti oġhla ta' rappurtar għall-gassijiet F (Omnibus IV). Il-kjarifika tar-regoli dwar id-difiża se tissimplifika l-aċċess għall-finanzjament, għall-permessi u għat-trasferimenti transfruntiera, u b'hekk se tiffaċilita wkoll il-piżijiet għall-SMEs li joperaw fil-qasam tad-difiża (Omnibus V). Fl-aħħar nett, l-SMEs se jibbenefikaw ukoll minn regoli ssimplifikati dwar it-tikkettar tas-sustanzi kimiċi perikolużi, regolamenti aktar ċari dwar il-kożmetiċi tal-UE, u reġistrazzjoni aktar faċli għall-prodotti fertilizzanti tal-UE permezz tal-allinjament mar-rekwiżiti standard tal-informazzjoni ta' REACH (Omnibus VI).

² Bl-esklużjoni tal-iffrankar għall-Omnibus V dwar id-difiża, li d-dokument ta' ħidma tal-persunal għalih qiegħed jiġi ffinalizzat.

Fl-1 ta' April 2025, il-Kummissjoni adottat ukoll il-proposta tagħha għal **politika ta' koeżjoni modernizzata** bħala parti mir-rieżami tagħha ta' nofs it-terminu, li temenda r-regolamenti tal-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali/il-Fond ta' Koeżjoni u tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (adottata mill-koleġiżlaturi fit-18 ta' Settembru 2025). Dan ihegġegħ lill-Istati Membri jallinjaw aħjar il-programmi tagħhom mal-prioritajiet strateġiċi u emerġenti tal-UE, billi jallokaw mill-ġdid il-fondi disponibbli għall-kompetittività, id-difiża, l-akkomodazzjoni, ir-reżiljenza tal-ilma, u t-tranżizzjoni tal-enerġija. L-Istati Membri jibbenefikaw ukoll minn miżuri ta' simplifikazzjoni, b'mod partikolari finanzjament aktar mgħaġġel għal proġetti strateġiċi Ewropej magħżula fl-ambitu ta' strumenti oħra tal-UE u għal kumpaniji li jinvestu fil-ktajjen tal-valur tal-Ewropa, flessibilitajiet imtejba fil-qafas tal-implimentazzjoni, kif ukoll inċentivi finanzjarji f'termini ta' prefinanzjament u kofinanzjament oġġla. Barra minn hekk, il-possibbiltà li wieħed jibbenefika, f'ċerti ċirkostanzi, minn perjodu ta' eliġibbiltà estiż b'sena tnaqqas il-pressure taż-żmien fuq il-benefiċjarji.

Il-proposti reċenti tal-Kummissjoni għall-**qafas finanzjarju pluriennali li jmiss** huma wkoll kontribut ewlieni għall-isforz biex jiġu ssimplifikati r-regoli tal-UE. L-għan huwa li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż għar-riċevituri u għall-benefiċjarji tal-fondi tal-UE, inklużi n-negozji, in-nies u l-amministrazzjonijiet. Il-proposta se tagħmilha aktar faċli għall-benefiċjarji biex jaċċessaw il-fondi tal-UE, b'portal uniku li jikkonsolida informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u ta' offerti u b'appoġġ simplifikat għall-promoturi ta' proġetti. Dan se jnaqqas iż-żmien meħtieġ biex tinkiseb informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE.

Barra minn hekk, il-qafas finanzjarju li jmiss se jkollu disinn aktar sempliċi, b'għadd imnaqqas ta' programmi tal-UE u b'regoli armonizzati. Dan se jnaqqas it-trikkib u se jimmassimizza s-sinerġiji bejn programmi differenti. Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jnaqqsu l-għadd ta' dokumenti ta' programmazzjoni u l-piż relatat fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali. L-użu ta' strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji se jiġi ssimplifikat ukoll, b'sett armonizzat ta' regoli tekniċi, garanzija baġitarja unika għall-politiki interni fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u garanzija separata għall-politiki esterni fl-ambitu tal-Fond Ewropa Globali. Dan se jnaqqas b'mod konsiderevoli l-piż amministrattiv, b'mod partikolari għas-sħab ta' implimentazzjoni u l-benefiċjarji finali tagħna.

Fl-aħħar nett, qafas ta' prestazzjoni aġġornat se jipprovi sett uniku ta' regoli, li jnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat mal-monitoraġġ u r-rappurtar. Sistema unika ta' monitoraġġ tan-nefqa u tal-prestazzjoni se tapplika għall-programmi kollha, u se tissostitwixxi aktar minn 5 000 indikatur b'sett issimplifikat ta' madwar 900 indikatur.

Il-Kummissjoni hija ddeterminata wkoll li **tinkorpora l-perspettiva tas-simplifikazzjoni fil-proposti l-ġodda kollha**. Sabiex jiġi żgurat li l-leġislazzjoni li jmiss twassal għat-tkabbir, fil-valutazzjonijiet tal-impatt fl-2025 ġie introdott kontrolli ġdida tal-SMEs u tal-kompetittività biex jiġi żgurat li proposti ġodda juru l-bidla kulturali ta' inqas burokrazija għan-negozji sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE, inklużi l-SMEs. Barra minn hekk, minn Jannar 2025, il-Kummissjoni tivvaluta d-dimensjoni diġitali tal-inizjattivi ta' politika tagħha, f'konformità mal-Att dwar Ewropa Interoperabbli. B'dan il-mod, il-Kummissjoni tippromwovi l-użu ta' rekwiżiti legali li jinkludu l-implimentazzjoni diġitali b'mod awtomatiku u tteġġegħ l-użu mill-ġdid ta' data u soluzzjonijiet diġitali eżistenti.

Biex tikkomplementa dan ir-rapport ġenerali, il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta dwar il-mira għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u se tippreżenta ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati ewlenin tal-ħidma biex tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni, tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u jitnaqqsu l-piżijiet fuq is-sit web Europa³.

Ittestjar tal-istress

It-tnaqqis tal-burokrazija u l-ilħuq ta' regoli aktar sempliċi jeħtieġu ħarsa kritika lejn il-piżijiet akkumulati fil-leġislazzjoni eżistenti. Kull Kummissarju ngħata l-kompitu li jwettaq test tal-istress komprensiv tal-korp tad-dritt tal-UE fil-mandat tiegħu, taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissarju għall-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni. L-għan ta' dan il-proċess huwa li jissimplifika, jikkodifika u jikkonsolida l-qafas regolatorju tal-UE, u li jiżgura li jibqa' rilevanti, proporzjonat, u adattat biex jilħaq l-oġettivi tiegħu bl-aktar mod kosteffiċjenti.

Il-proċess tal-ittestjar tal-istress **jagħti priorità lill-oqsma fejn il-piżijiet jinħassu l-aktar** u fejn hemm l-akbar potenzjal ta' simplifikazzjoni. Il-prioritajiet jitfasslu abbażi tal-feedback tal-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz tal-ġhodod ta' konsultazzjoni l-ġodda tagħna (id-djalogi dwar l-implimentazzjoni u l-kontrolli tar-realtà), u abbażi ta' analiżi interna mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. L-evalwazzjonijiet kompluti u r-rapporti ta' Draghi u ta' Letta jgħinu wkoll biex jiġu identifikati l-prioritajiet. It-testijiet tal-istress se jinfurmaw aktar inizjattivi omnibus u ta' simplifikazzjoni matul dan il-mandat. Fl-2025, qed jiġu skrinjati oqsma ta' politika sinifikanti, inklużi partijiet ewlenin

³ https://commission.europa.eu/law/law-making-process/better-regulation/simplification-and-implementation/simplification_en

tal-liġi finanzjarja, diġitali, tal-enerġija, tal-kumpaniji u tal-konsumatur, biex jiġi ddeterminat jekk ir-regoli kurrenti humiex qed jilhqgħu l-oġġettivi maħsuba tagħhom u biex jiġu identifikati opportunitajiet għat-tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi. Pereżempju, rapport li jmiss dwar il-kompetittività tal-**leġiżlazzjoni tas-settur bankarju** se jivvaluta wkoll il-kumplessità tal-qafas regolatorju tal-UE.

Fir-rigward tal-**politika diġitali**, il-Kummissjoni fittxet opportunitajiet biex tissimplifika l-leġiżlazzjoni. Se tipproponi omnibus diġitali sal-aħħar tal-2025 li tkopri d-dritt tal-UE li tirregola l-politika dwar id-data skont ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu ta' Data Mhux Personali, l-Att dwar il-Governanza tad-Data, u d-Direttiva dwar id-Data Miftuħa. Se tkopri wkoll ir-regoli dwar ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà u tar-rapportar tal-inċidenti, l-applikazzjoni tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u aspetti mmirati oħra relatati mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. L-omnibus diġitali se tiżgura wkoll l-allinjament mal-proposta li jmiss għal Kartiera tan-Negożju tal-UE. Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll fuq kontroll komprensiv tal-idoneità diġitali biex tħares b'mod usa' lejn l-effett kumulattiv, il-koerenza u l-opportunitajiet li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-liġi diġitali tal-UE u r-regoli relatati.

Fir-rigward tal-**politika dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf**, il-Kummissjoni identifikat potenzjal biex jiġu ssimplifikati r-regoli u se tippreżenta proposta omnibus sal-aħħar tas-sena, kif imħabbar fil-viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel. L-għan tal-pakkett se jkun li jitnaqqas il-piż regolatorju u amministrattiv bla bżonn filwaqt li jinżammu rekwiżiti stretti biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, kif ukoll biex jiġu mħarsa s-saħħa pubblika u tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-ambjent. Il-proposta twieġeb għal talbiet ripetuti mill-partijiet ikkonċernati u mill-Istati Membri tal-UE għal proċeduri aktar ċari u rapidi għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, għad-droni, għall-bijoċidi, għall-addittivi tal-għalf, għar-regoli dwar l-iġjene u għall-kontrolli uffċjali.

Dwar l-**ambjent**, il-Kummissjoni għamlet sejħa għal evidenza biex tidentifika l-potenzjal ta' simplifikazzjoni fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari, l-iskart, l-emissjonijiet industrijali u l-valutazzjonijiet ambjentali u se tipproponi omnibus ambjentali sa tmiem l-2025.

Fir-rigward tal-**politiki għall-enerġija u l-klima**, wara r-[rapport dwar il-funzjonament tar-Regolament dwar il-Governanza](#) u l-[evalwazzjoni](#) tiegħu, il-Kummissjoni se tirrevedi l-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika u l-leġiżlazzjoni relatata biex tissimplifika b'mod partikolari l-obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija u tal-klima, kif ukoll biex tkompli tallinja l-qafas tal-UE mal-impenji internazzjonali. Il-kontroll tal-idoneità fuq il-qafas tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija bħalissa jinsab għaddej u se jiġi ffinalizzat din is-sena.

Il-liġi tal-kumpaniji u l-liġi tal-konsumatur ġew prijorizzati wkoll għall-ittestjar tal-istress fl-2025, wara l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati. Dan se jirriżulta fit-28 reġim biex jinħoloq sett uniku armonizzat ta' regoli għall-kumpaniji madwar l-UE kollha fl-2026. Dan se jirrimedja t-taħlita ta' regoli nazzjonali dwar il-liġi tal-kumpaniji, li tagħmilha diffiċli li jsir in-negożju f'diversi pajjiżi tal-UE. Bħalissa għaddejjja evalwazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti, bil-għan li jiġu esplorati modi biex jiġu armonizzati u ssimplifikati ulterjorment l-operazzjonijiet transfruntiera tal-investituri, tal-kumpaniji emittenti u tal-intermedjarji u jiġi vvalutat l-ambitu biex jitnaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet għalihom.

Wara l-kontroll komprensiv tal-idoneità tad-dritt tal-UE dwar il-konsumatur li tlesta fl-2024, il-Kummissjoni qed taħdem fuq Att dwar il-Ġustizzja Diġitali biex timla l-lakuni identifikati fil-ħarsien tal-konsumatur diġitali. Meta jitqiesu s-sejbiet tal-kontroll tal-idoneità u d-djalogu dwar l-implimentazzjoni li sar fil-15 ta' Lulju 2025 dwar il-ħarsien tal-Konsumatur fl-Ambjent Diġitali⁴, il-valutazzjoni tal-impatt u l-konsultazzjonijiet li għaddejjin dwar l-Att dwar il-Ġustizzja Diġitali jkopru wkoll elementi ta' simplifikazzjoni potenzjalment sinifikanti f'oqsma speċifiċi, bħar-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-konsumatur f'kuntratti online u d-dritt ta' rtirar minn servizzi tal-media diġitali.

Dwar il-**protezzjoni tad-data**, wara d-djalogu ta' implimentazzjoni⁵ li sar fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni se tipproponi emendi mmirati għar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, bħala parti mill-omnibus diġitali li għandu jiġi ppreżentat sa tmiem l-2025 u se tkompli tirrifletti dwar kif jiġi mmodernizzat il-qafas tal-protezzjoni tad-data u jittejjb l-governanza u l-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jiġi rispettata id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data.

Atti delegati u ta' implimentazzjoni

⁴ [Djalogu dwar l-implimentazzjoni dwar il-ħarsien tal-konsumatur fl-ambjent diġitali mal-Kummissarju Michael McGrath - il-Kummissjoni Ewropea](#)

⁵ [Djalogu dwar l-implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data mal-Kummissarju Michael McGrath - il-Kummissjoni Ewropea](#)

L-ittestjar tal-istress ma jkoprix biss il-leġislazzjoni iżda wkoll ir-regoli ta' implimentazzjoni. Kull sena, il-Kummissjoni tadotta ħafna atti delegati u ta' implimentazzjoni. Dawn jinkludu sehem sinifikanti mill-qafas regolatorju ġenerali u huma bbażati fuq setgħat adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Ħafna huma purament tekniċi jew huma miżuri ta' ġestjoni, deċiżjonijiet ta' finanzjament jew awtorizzazzjonijiet rikorrenti. Madankollu, xi wħud jistgħu joħolqu piż amministrattiv addizzjonali.

Għalhekk, hemm bżonn ta' rieżami tal-impatt ta' dawn l-atti fuq il-komplessità regolatorja. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni huma **setgħat ta' skrinjar** għall-adozzjoni ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni. L-għan huwa li jiġi identifikat jekk dawn l-atti humiex legalment meħtieġa, u jekk humiex se jissimplifikaw il-qafas regolatorju jew humiex meħtieġa biex jinkisbu l-oġġettivi ta' politika tal-UE u għalhekk għandhomx jingħataw prijorità. Jekk dan ma jkunx il-każ, jistgħu jingħataw anqas prijorità.

Pereżempju, fis-servizzi finanzjarji, il-Kummissjoni analizzat 430 setgħa biex jinħarġu dawn l-atti li rriżultaw mill-atti bażiċi adottati mill-koleġislaturi matul il-leġislatura tal-2019-2024. Abbażi ta' din l-analiżi, 115-il att delegat u ta' implimentazzjoni ġew iavalutati bħala mhux essenzjali għall-funzjonament effettiv tal-leġislazzjoni bażika. Fil-qasam ambjentali, il-Kummissjoni skrinjat 253 att potenzjali bħal dan. Minn dawn, 196 att tqiesu meħtieġa biex jinkisbu l-oġġettivi tal-politika ambjentali jew tat-tnaqqis tal-piż, filwaqt li 57 att tqiesu li għandhom valur miżjud anqas immedjat filwaqt li kienu ta' piż/għaljin f'termini ta' amministrazzjoni jew implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tqis li huwa essenzjali li **s-setgħat** jiġu inklużi **f'leġislazzjoni ġdida** biss meta jkunu meħtieġa atti delegati u/jew ta' implimentazzjoni biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika u fejn ma jżidux piż sinifikanti fuq l-implimentazzjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tibbaża fuq il-kooperazzjoni tal-Parlament u tal-Kunsill biex tippreserva dan il-fokus fuq is-simplifikazzjoni, kemm għal leġislazzjoni ġdida kif ukoll għal regoli ta' implimentazzjoni.

Kontrolli tar-realtà

Permezz ta' għodda ġdida, il-Kummissjoni bdiet twettaq "kontrolli tar-realtà" ma' dawk li jimplimentaw jew ma' dawk li huma direttament affettwati mid-dritt tal-UE biex tifhem aħjar kif dan jaħdem fil-prattika⁶. Il-kuntatti diretti fil-livell tekniku jippermettu lill-Kummissjoni **tidentifika ostakli jew esperjenzi pożittivi**, biex tivverifika jekk is-suppożizzjonijiet li fuqhom hija bbażata l-leġislazzjoni tal-UE humiex korretti u jekk il-leġislazzjoni tal-UE tipprovdi il-benefiċċji mistennija. Dan il-proċess jippermetti wkoll lill-Kummissjoni tirċievi feedback dwar, pereżempju, il-livelli tal-kostijiet jew tal-iffrankar tal-kostijiet li kienu ġew stmati fil-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjaw il-proposti ta' politika. L-eżiti tal-kontrolli tar-realtà jikkontribwixxu għal-leġislazzjoni eżistenti dwar il-proċess tal-ittestjar tal-istress (inklużi l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità) u t-tfassil ta' proposti ta' simplifikazzjoni futuri.

Il-kontrolli tar-realtà mwettqa s'issa **għenu biex jitfasslu l-proposti għas-simplifikazzjoni**, inklużi l-proposti omnibus, bħall-kontrolli tar-realtà organizzati mal-prattikanti dwar is-sostenibbiltà, dwar il-fertilizzanti, il-kożmetiċi u l-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ, dwar l-aċċelleratur tad-dekarbonizzazzjoni industrijali u mal-industrija tad-difiża.


Eżempji oħra jinkludu kontroll tar-realtà dwar ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-akkomodazzjoni affordabbli, li talbu kontribut u informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati u mill-Istati Membri dwar sitwazzjonijiet ta' ħajja reali u diffikultajiet prattiċi fis-settur tal-akkomodazzjoni affordabbli, b'mod partikolari dwar l-ostakli kurrenti u potenzjali ewlenin għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Kontroll tar-realtà dwar l-apparat mediku għen biex jiġu identifikati l-ostakli fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni bl-għajjnuna tal-pazjenti, tal-professionisti tal-kura tas-saħħa u tal-manifatturi. U kontroll tar-realtà dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) esplora flimkien mal-benefiċjarji u mal-

⁶ L-għażla tal-parteċipanti hija xprunata mill-għan li jkun hemm interazzjoni diretta u "prattika" u skambju prammatiku, filwaqt li jimmiraw lejn parteċipazzjoni bbilanċjata.

organizzazzjonijiet ta' appoġġ għan-negozju l-użu tal-portal STEP, u l-benefiċċji u l-ostakli biex jiġi riċevut finanzjament għal proġetti STEP.

B. Implimentazzjoni


STAKEHOLDERS OF IMPLEMENTATION DIALOGUES
BY CATEGORY (TOTAL AND BY %)



L-isfidi għall-implimentazzjoni rapida u effettiva tad-drittijiet u l-politiki tal-UE jnaqqsu l-impatt tagħhom. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar introduċiet żewġ **għodod ġodda ta' konsultazzjoni**: djalogi dwar l-implimentazzjoni u kontrolli tar-realtà. Għal dan il-għan, il-Kummissarji pprijoritizzaw l-involvement mal-partijiet ikkonċernati, billi wettqu djalogi dwar l-implimentazzjoni biex ifittxu l-feedback tagħhom biex jgħinuna nivvalutaw il-progress, nidentifikaw l-aħjar prattiki u l-ostakli, u niġbru suġġerimenti prattiċi biex jiġi identifikat l-ambitu għas-simplifikazzjoni tar-regoli u għat-titjib tal-implimentazzjoni. L-ewwel ċiklu ta' **28 djalogu** tlesta u involva aktar minn **550 parti kkonċernata** – inklużi rappreżentanti tal-industrija, SMEs, kumpaniji, sħab soċjali, awtoritajiet ċentrali, reġjonali u lokali, u s-soċjetà ċivili. Id-djalogi pprovdew għarfien prattiku u operazzjonali li l-Kummissjoni se ssegwi u se tikkunsidra fil-ħidma futura tagħna. Pereżempju, wieħed mill-ewwel djalogi kien fis-settur tat-trasport u indirizza l-ferroviji ta' veloċità għolja. L-eżitu kkontribwixxa għall-ħidma preparatorja dwar Pjan Regolatorju komprensiv għan-Network Ferrovjarju Ewropeu ta' Veloċità Għolja⁷.

Id-djalogi dwar l-implimentazzjoni ffukaw fuq is-suġġetti deskritti

fil-[Linji Gwida Politiċi](#) u fil-[Komunikazzjoni dwar Ewropa aktar Sempliċi u Rapida](#). Xi tħassib li tqajjem inkluda l-kumplessità tal-leġiżlazzjoni tal-UE, l-obbligi f'livelli differenti, u r-rekwiżiti ta' rappurtar li dejjem jinbidlu. Tema rikorrenti kienet il-**frammentazzjoni legali persistenti u r-regolamentazzjoni żejda** tad-drittijiet tal-UE fil-livell nazzjonali. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw l-isfida tal-operat jew tal-investiment transfruntier meta jkollhom isegwu 27 interpretazzjoni tal-istess regoli. L-awtoritajiet nazzjonali, min-naħa tagħhom, jistinkaw biex japplikaw oqfsa legali li jikkoinċidu, b'mod partikolari fejn regolamenti multipli tal-UE jinteraġixxu mingħajr gwida ċara jew mingħajr interpretazzjoni koordinata. Fl-ewwel 7 xhur tal-2025, il-Kummissjoni ħadet diversi passi biex tidentifika u tindirizza l-ħtiġijiet tal-implimentazzjoni. Pereżempju:



Għajnuna lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-dritt tal-UE

Il-Kummissjoni żiedet il-kooperazzjoni mal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE bħala l-aktar mod rapidu biex tiżgura li r-regoli tal-UE jiksibu riżultati tanġibbli għan-nies u għan-negozji. Minbarra l-miżuri ta' appoġġ diġà eżistenti, il-Kummissjoni stabbiliet għodod ġodda biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ħidma tagħhom biex jimplimentaw id-dritt tal-UE u biex tagħmel l-iskambju tal-informazzjoni aktar faċli. F'April 2025, għamlet disponibbli għodda tal-IT għal **pjan direzzjonali għat-traspożizzjoni** biex ittejjeb il-flussi tal-informazzjoni u tgħin biex jiġu antiċipati l-isfidi tal-implimentazzjoni. Fi 3 xhur biss, din il-karatteristika l-għda nużat għal 21 Direttiva. Il-Kummissjoni qed tfejji mudell standard li jispjega l-obbligi tat-traspożizzjoni lill-Istati Membri u biex l-Istati Membri jispjegaw kif dawn qed jiġu ssodisfati permezz ta' miżuri nazzjonali għad-direttivi l-ġodda.

Is-servizzi tal-Kummissjoni issa jħejju **strateġiji u gwida ta' implimentazzjoni**⁸ aktar ta' spiss għal atti legali ewlenin adottati mill-koleġiżlaturi. Sabiex il-Kummissjoni tiżviluppa strateġiji mmirati u miżuri ta' appoġġ biex tgħin fl-implimentazzjoni, huwa kruċjali li tirċievi informazzjoni bikrija mingħand l-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-impatti legali, amministrattivi jew prattiċi nazzjonali speċifiċi tal-proposti u l-atti legali adottati. Fl-istess ħin, qed

⁷ Djalogu dwar l-implimentazzjoni dwar il-ferroviji ta' veloċità għolja fl-Ewropa mal-Kummissarju Tzitzikostas.

⁸ Pereżempju, l-[istrateġija għad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija](#) (EPBD, Energy Performance of Buildings Directive).

inżidu l-isforzi tagħna biex inħejju testi legali mfassla tajjeb u ta' kwalità għolja li huma faċli biex jinftehm u biex jiġu implimentati.

Appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet fl-Istati Membri

Implimentazzjoni aħjar tal-politika tal-UE u prestazzjoni amministrattiva effiċjenti jistgħu jiffrankaw biljuni ta' euro kull sena lill-kontribwenti u lin-negozji tal-UE. Id-djalogi dwar l-implimentazzjoni żvelaw **nuqqas ta' kapaċità amministrattiva** u l-ħtieġa ta' bini tal-kapaċitajiet immirat kif enfazzzjat mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u mill-partijiet ikkonċernati fil-livelli ċentrali, reġjonali u lokali f'oqsma bħall-permessi, il-Politika Agrikola Komuni jew is-sikurezza u s-sigurtà, biex insemmu biss xi fit.

B'reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni ttiprovdi appoġġ lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri permezz tal-programm tal-[Iskambju ta' Kooperazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika](#). Fl-ewwel nofs tal-2025, il-Ġermanja, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja u s-Slovakkja rċew appoġġ fl-ambitu ta' dan il-programm biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom għall-koordinazzjoni bejn is-sistemi tas-sigurtà soċjali, biex jimplimentaw ir-Regolament dwar Divulgazzjonijiet Relatati mas-Sostenibbiltà tas-Servizzi Finanzjarji jew biex jimplimentaw riformi u investimenti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-politika ta' Koeżjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni aġġornat il-[Kwalità tal-Amministrazzjoni Pubblika – Sett ta' Għodod għall-Prattikanti](#) tagħha. Is-Sett ta' Għodod jagħti eżempji ta' kif jitnaqqsu r-rekwiżiti amministrattivi billi jiġu kkombinati r-riformi tas-simplifikazzjoni mad-diġitalizzazzjoni.

Għodod u programmi li jappoġġaw l-implimentazzjoni

Il-Kummissjoni appoġġat il-ħidma tal-Istati Membri biex jimplimentaw il-politiki u l-fondi ewlenin tal-UE permezz ta' firxa ta' għodod u programmi. Pereżempju, il-[Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta](#) qed tgħin lill-Istati Membri tal-UE u lir-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni biex jiksbu n-**newtralità klimatika**. Fl-2025, il-Pjattaforma pprovdiet servizzi ta' konsulenza komprensivi lil 32 reġjun tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta f'14-il Stat Membru⁹ – biex tithaffet l-azzjoni u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Fond. Fil-qasam tal-**migrazzjoni**, il-Kummissjoni stabbiliet 27 tim tal-pajjiżi li jipprovdu lill-Istati Membri b'appoġġ imfassal apposta fl-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Fir-rigward tal-**kooperazzjoni reġjonali**, 30 reġjun fi 15-il Stat Membru¹⁰ rċew assistenza teknika permezz tal-Komunità ta' Prattika S3 u l-Pjattaforma tal-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti biex jimplimentaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, jikkontribwixxu għall-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jippromwovu trasformazzjoni ekonomika innovattiva u intelliġenti. Dawn l-istrumenti jlaqqgħu flimkien lir-riċerkaturi, lin-negozji, lis-soċjetà ċivili, u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi li qed jiżviluppaw sħubijiet f'teknoloġiji ewlenin, bħall-Alleanzi Ewropej għall-batteriji, l-idroġenu, u t-teknoloġija taċ-ċelloli tal-fjuwil.

Barra minn hekk, biex tgħin fit-twettiq tal-politiki tal-UE billi tiġġestixxi aħjar il-fondi **tal-politika ta' koeżjoni**, l-iskema REGIO Peer2Peer+ hija ffaċilitatur ewleni tal-bidla lejn is-simplifikazzjoni u l-effiċjenza. Matul is-sena li għaddiet, ħadmet u wettqet skambji ma' aktar minn 1 100 uffiċjal pubbliku biex tindirizza pereżempju miżuri ewlenin ta' simplifikazzjoni bħas-simplifikazzjoni tas-sejthiet għal proposti ta' proġetti, l-applikazzjoni ta' għażliet ta' kostijiet simplifikati, u l-adozzjoni ta' approċċi bbażati fuq il-prestazzjoni.

Fir-rigward tal-**ħarsien ambjentali**, il-Kummissjoni twettaq [Rieżami annwali tal-Implimentazzjoni Ambjentali](#) biex tappoġġa lill-Istati Membri kollha fl-implimentazzjoni tal-liġijiet u l-politiki ambjentali ewlenin tal-UE. Ir-raba' rieżami (Lulju 2025) identifika Prattiki u sfidi tajbin fl-Istati Membri. Irrakkomanda titjib u soluzzjonijiet kif ukoll "azzjonijiet ta' priyorità", biex jgħinu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jiprijorizzaw ir-riżorsi, inklużi l-fondi u l-assistenza teknika tal-UE.

⁹ Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja u l-Iżvezja.

¹⁰ Il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja (Karlovy Vary, Silesia Moraviana, Usti), il-Finlandja (il-Finlandja tal-Lvant u tat-Tramuntana, Päijät-Häme), Franza (La Reunion, Normandie), il-Greċja (Kreta, il-Maċedonja tal-Lvant u t-Traċja, il-Maċedonja tal-Punent), l-Ungerija, l-Italja (il-Molise, il-Puglia, il-Veneto), Malta, il-Polonja (Malopolska), il-Portugall (Alentejo, Azores, iċ-Ċentru, Madeira), ir-Rumanija (iċ-Ċentru, Oltenia tal-Lbiċ), l-Iżvezja (Jämtland Härjedalen, Västermorland), is-Slovenja u Spanja (Aragona, il-Gżejjer Baleariċi, il-Katalonja).

Appoġġ tekniku u assistenza għall-implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ tekniku fl-ambitu tal-[Istrument ta' Appoġġ Tekniku](#) (TSI, Technical Support Instrument) tagħha u tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri bħala parti mill-fondi tal-UE. Fl-2025, [intgħażlu](#) 135 proġett ta' riforma għall-appoġġ tat-TSI fl-Istati Membri kollha li pprovdew **390 riforma innovattiva u ambizzjuża** b'baġit ta' kważi **EUR 117 miljun**.

Proġett multinazzjonali konkluż fl-2025 appoġġa s-sinsla tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħna fir-rigward tat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza. Dan inkluda miżura biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fil-Belġju, u biex tittejjeb l-evalwazzjoni tal-politika fil-Latvja, fin-Netherlands, fil-Greċja, fiċ-Ċekja, fl-Estonja u fil-Litwanja. Bl-istess mod, is-Slovenja tejbet ir-rata tagħha ta' assorbiment u ġestjoni tal-investiment tal-fondi tal-UE billi naqqset il-frammentazzjoni tas-sistema, ġabret flimkien il-filiet u r-riżorsi u ssimplifikat il-proċeduri (anqas regolamentazzjoni żejda) u permezz ta' priorittizzazzjoni aħjar tal-investimenti strateġiċi.

Hekk kif daħal fis-seħħ il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, disa' Stati Membri¹¹ rċew minnufih appoġġ tekniku fil-prattika għat-tnejn tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni tagħhom biex il-Patt jitqiegħed fil-prattika. Barra minn hekk, l-awtoritajiet ta' disa' Stati Membri¹² qed jirċievu appoġġ imfassal apposta biex iwettqu riformi speċifiċi li jirriżultaw mill-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn sal-2026. Eżempji oħra jinkludu l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġi identifikat l-abbuż tas-suq f'14-il Stat Membru¹³, għas-simplifikazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni tal-permessi ambjentali għall-installazzjonijiet industrijali (fil-Polonja), jew għall-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal (fil-Greċja), l-Istrateġija nazzjonali għat-titjib tal-litteriżmu finanzjarju (f'Ċipru), jew il-pjan tal-politika nazzjonali tal-akkomodazzjoni (fil-Kroazja).

Inizjattivi biex jittejjbu d-diġitalizzazzjoni u l-aċċess għad-data

Il-Kummissjoni kellha rwol ċentrali fl-assistenza lill-Istati Membri bl-adozzjoni tal-**valutazzjonijiet tal-interoperabbiltà** billi ppubblikat [linji gwida komprensivi](#) u l-[Katalgu tas-Software tas-Sors Miftuħ](#). Dawn il-linji gwida u l-katalgu saru disponibbli pubblikament fil-lingwi kollha tal-UE fuq il-**Portal Ewropa Interoperabbli**. F'Mejju 2025, il-Kummissjoni nediet ukoll il-[Komunità għal Ewropa Interoperabbli](#) biex tipprovdi forum għall-partijiet ikkonċernati tas-settur pubbliku u privat, biex toħloq flimkien, tiskambja l-għarfien, u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni Prattika tal-interoperabbiltà madwar l-UE. Il-Komunità tappoġġa wkoll lill-[Bord għal Ewropew Interoperabbli](#) billi tagħti kontribut biex tiggwida d-deċiżjonijiet strateġiċi tiegħu dwar **is-servizzi pubbliċi diġitali transfruntiera**.

Filwaqt li tibni fuq il-qafas Ewropew tal-identità diġitali, bil-Kartiera tan-Negożju tal-UE se jkunu jistgħu jsiru identifikazzjoni diġitali sigura, kondiviżjoni tad-data u notifiċi legalment validi madwar l-UE kollha. Din se tgħin lill-operaturi ekonomiċi jimmaniġġjaw ir-rekwiżiti regolatorji, u se tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u l-kostijiet tal-konformità.

Il-Kummissjoni qed ittejjeb l-aċċess għad-data bit-tnejn tal-[ispazji komuni Ewropej tad-Data](#) li qed jiġu żviluppati f'oqsma bħall-agrikoltura, il-wirt kulturali, l-enerġija, il-finanzi, il-patt ekoloġiku, is-saħħa, il-lingwi, il-manifattura, il-media, il-mobilità, l-amministrazzjoni pubblika, ir-riċerka u l-innovazzjoni u t-turiżmu.

Fid-dawl tal-priorità mogħtija għal adeżjoni aċċelerata għall-**pajjiżi kandidati**, il-Kummissjoni qiegħda tiżviluppa għodda tal-IA (**adeżjoni elettronika**) li se tiffaċilita l-proċess tal-allinjament legali li bih il-pajjiżi kandidati jinkorporaw il-35 kapitolu tal-acquis tal-UE fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom bħala parti mit-tnejn tagħhom għas-sħubija fl-UE.

L-aġenziji tal-UE u l-applikazzjoni konsistenti tad-dritt tal-UE

Fl-2025, l-aġenziji tal-UE komplew jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u b'hekk ikkontribwew għall-applikazzjoni konsistenti madwar l-Istati Membri u għat-tnaqqis tal-inċertezza legali. Huma pprovdew gwida teknika

¹¹ Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall, u r-Rumanija.

¹² Il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

¹³ Il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Finlandja, il-Greċja, il-Litwanja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Iżvezja, Spanja u r-Rumanija.

u interpretattiva bħal standards regolatorji, pariri xjentifiċi, mudelli, u dokumenti ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Dan huwa partikolarment ta' valur f'oqsma li jinvolvu attivitajiet transfruntiera, fejn hija essenzjali l-interpretazzjoni koordinata. Forma ewlenija oħra ta' appoġġ kienet il-promozzjoni ta' kooperazzjoni prattika u l-bini tal-kapaċitajiet. Pereżempju, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol [appoġġat](#) operazzjoni ta' infurzar transfruntiera li kienet tinvolvi seba' Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja u r-Rumanija), fi sħubija man-Network Ewropew tal-Pulizija tat-Toroq.

C. Infurzar

Il-kredibbiltà u s-suċċess tal-UE jiddependu fuq l-implimentazzjoni u fuq l-applikazzjoni sħiħa u effettiva tal-liġijiet tagħha fil-prattika. Politiki miftiehma b'mod konġunt iwasslu biss l-effetti maħsuba tagħhom għan-nies u għan-negozji jekk jiġu applikati kullimkien fl-Ewropa bl-istess mod. L-UE ma tistax taffordja konformità frammentata jew b'nofs qalb.

Din il-Kummissjoni tippromwovi aġenda ta' implimentazzjoni aktar ambizzjuża. Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri hija l-approċċ ippreferut tal-Kummissjoni biex jiġu evitati kwistjonijiet ta' implimentazzjoni mill-bidu nett, iżda **huwa meħtieġ infurzar determinat meta l-kooperazzjoni ma tirnax**. Il-Kummissjoni reġgħet uriet id-determinazzjoni tagħha li tinforza d-dritt tal-UE matul dawn l-aħħar xhur fl-aktar oqsma ta' politika importanti. Biex tkompli żżid it-trasparenza tal-azzjonijiet ta' infurzar tagħha, il-Kummissjoni stabbiliet [paġna web Europa ġdida](#) dwar il-ksur, id-djalogi ta' qabel il-ksur u t-traspożizzjoni tad-Direttivi, li tippermetti tiftix immirat u graffs personalizzati għal kull qasam u suġġett ta' politika.

Aktar djalogi ta' qabel il-ksur għal riżultati aktar mgħaġġla

[Djalogu ta' qabel il-ksur](#), li qabel kien magħruf bħala "EU Pilot", jintuża mill-Kummissjoni meta x'aktarx iwassal għal konformità aktar mgħaġġla minn proċedura formali ta' ksur. Id-djalogi jgħinu wkoll lill-Kummissjoni tiġbor informazzjoni biex tiddetermina jekk jeżistix ksur tad-dritt tal-UE. Fl-ewwel 7 xhur tal-2025, il-Kummissjoni bdiet **168 djalogu, li jikkonferma użu dejjem akbar ta' din l-ġodda**¹⁴. Id-djalogi huma effiċjenti ħafna b'rata ta' riżoluzzjoni ta' 67 %¹⁵. Dawn jinkludu fajls f'oqsma ta' politika differenti ħafna, mis-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol għas-servizzi finanzjarji, l-ambjent, l-enerġija, it-tassazzjoni diretta u indiretta u s-sikurezza fit-toroq. Bi kważi 20 % tal-fajls miftuħa u magħluqa matul l-ewwel nofs tal-2025, id-djalogu ta' qabel il-ksur għandu potenzjal ċar li jikseb riżultati malajr u li jiġbor informazzjoni. Il-Kummissjoni **aġġornat ukoll l-ġodda tal-IT** użata mis-servizzi tal-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex iwettqu d-djalogi, li se jwassal għal aktar titjib fl-effiċjenza.

Il-konformità bikrija fil-proċeduri ta' ksur tiffranka l-ħin

[Il-proċeduri ta' ksur](#) kienu u se jibqgħu l-garanzija ta' kontinġenza meħtieġa mill-Kummissjoni jekk il-miżuri ta' kooperazzjoni ma jkunux biżżejjed biex tinkiseb konformità f'waqtha mar-regoli tal-UE. Fl-ewwel 7 xhur tal-2025, il-Kummissjoni **nediet 373 każ ta' ksur**, fejn 87 % minnhom kienu jikkonċernaw it-traspożizzjoni mhux kompluta jew mhux korretta tad-Direttivi¹⁶. L-ilmenti min-nies u min-negozji pprovdew informazzjoni utli li identifikat in-nuqqasijiet, u dan irriżulta fi 13 minn dawn il-proċeduri l-ġodda ta' ksur¹⁷.

Fl-istess perġodu, il-Kummissjoni **għalqet 345 każ ta' ksur**¹⁸ peress li l-Istati Membri kisbu l-konformità. **95 % tal-każijiet** ġew solvuti qabel ma l-Kummissjoni kellha tirreferihom lill-Qorti tal-Ġustizzja, li jfisser li n-nies u n-negozji gawdew mill-benefiċċji tad-dritt tal-UE aktar kmieni milli kieku kienu meħtieġa l-proċedimenti tal-Qorti. Il-

¹⁴ Fl-2024, il-Kummissjoni bdiet 173 djalogu matul is-sena kollha.

¹⁵ B'mod ġenerali, il-Kummissjoni għalqet 118-il każ fil-perġodu ta' referenza, inklużi ħafna każijiet li ilhom jeżistu mill-2023 jew qabel.

¹⁶ [Tqassim mill-ġdid skont it-tip ta' ksur](#): 256 każ ta' traspożizzjoni mhux kompluta, 69 każ ta' traspożizzjoni mhux korretta, 18-il każ ta' applikazzjoni ħażina tad-Direttivi u 30 każ għall-ksur tat-Trattati, tar-Regolamenti jew tad-Deċiżjonijiet.

¹⁷ Dawn il-każijiet ġodda bbażati fuq l-ilmenti nfetħu kontra tmien Stati Membri: [INFR\(2024\)4012](#), [INFR\(2025\)4000](#), [INFR\(2025\)4004](#), [INFR\(2025\)4006](#), [INFR\(2025\)4007](#), [INFR\(2025\)4008](#), [INFR\(2025\)4011](#), [INFR\(2025\)4012](#), [INFR\(2025\)4013](#), [INFR\(2025\)4015](#), [INFR\(2025\)4016](#), [INFR\(2025\)4017](#), [INFR\(2025\)4018](#).

¹⁸ 195 każ ta' traspożizzjoni mhux kompluta, 51 każ ta' traspożizzjoni mhux korretta, 30 każ ta' applikazzjoni ħażina tad-Direttivi u 69 każ għall-ksur tat-Trattati, tar-Regolamenti jew tad-Deċiżjonijiet.

Kummissjoni għamlet progress f'hafla każijiet li ilhom jeżistu¹⁹ u ż-żmien medju għall-immaniġġjar tal-ksur naqas²⁰.

Azzjoni effettiva li tikseb riżultati għan-nies u għan-negozji

Inkisbu riżultati tanġibbli għan-nies u għan-negozji fl-oqsma ta' politika kollha. Il-**moviment tal-ħaddiema** madwar l-Istati Membri tal-UE sar aktar faċli. Diversi Stati Membri neħnew l-ostakli mhux ġustifikati għar-[rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali](#) u l-kundizzjonijiet biex jiġu segwiti l-professjonijiet regolati f'diversi oqsma²¹. Il-Kummissjoni kisbet riżultati konkreti biex tiffaċilita l-mobilità tal-forza tax-xogħol f'każijiet imressqa minn ilmentaturi²² jew soġġetti għal petizzjoni²³. Barra minn hekk, aktar Stati Membri²⁴ issa ttrasponew b'mod korrett ir-regoli tal-UE dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, li jikkonċernaw sitwazzjonijiet fejn l-impjegaturi jibagħtu lill-impjegati tagħhom biex iwettqu servizzi fi Stat Membru ieħor tal-UE fuq bażi temporanja. Kif deskritt fl-[Istrateġija għas-Suq Uniku](#), il-Kummissjoni użat ukoll proċeduri ta' ksur biex tindirizza l-**ostakli tas-Suq Uniku** bħal prattiki ta' tikkettar frammentati jew restrizzjonijiet fuq il-bejgħ bl-imnut²⁵.

Fil-**qasam diġitali**, l-infurzar tal-Kummissjoni tejjeb il-konformità mal-[Att dwar is-Servizzi Diġitali](#) u mal-[Att dwar il-Governanza tad-Data](#) billi [tmien Stati Membri](#) ħatru lill-awtoritajiet kompetenti biex jimplimentaw ir-regoli u taw is-setgħa lil dawn l-awtoritajiet biex iwettqu l-kompiti meħtieġa. Stati Membri oħra għadhom lura u l-Kummissjoni pproċediet għall-pass li jmiss fil-proċedura ta' ksur kontra [sitta minnhom](#). Biex **tiżdied is-sigurtà**, il-proċeduri ta' ksur kienu ta' suċċess²⁶ fir-[Regolament kontra d-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online](#) filwaqt li huma meħtieġa aktar sforzi biex titlesta t-traspożizzjoni tar-[regoli tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà](#)²⁷. L-azzjonijiet tal-Kummissjoni kisbu wkoll regoli aktar ċari dwar **it-trasport bit-triq**²⁸ u **sikurezza u interoperabbiltà ferrovjarji**²⁹ akbar u għamlu progress fir-rigward tan-network trans-Ewropew tat-trasport³⁰.

Il-**ħarsien tal-konsumaturi** ġie imsaħħaħ hekk kif l-Istati Membri għamlu progress fit-traspożizzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-[aċċessibbiltà tal-prodotti u tas-servizzi](#) u dwar [azzjoni rappreżentattiva](#) biex jiġu difiżi l-interessi kollettivi. Bl-istess mod, id-drittijiet tan-nies li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-UE ġew imsaħħa. Fil-qasam tas-**servizzi finanzjarji**, l-azzjonijiet ta' infurzar tal-Kummissjoni wasslu għal drittijiet aktar b'saħħithom tal-mutwatarji u ppromwew ambjent finanzjarju aktar stabbli u affidabbli³¹. Fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema, wara l-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni, kważi l-Istati Membri kollha ttrasponew bis-sħiħ ir-regoli tal-UE dwar [kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli](#).

Bis-saħħa ta' azzjoni ta' infurzar mill-Kummissjoni u l-impożizzjoni ta' [sanzjonijiet finanzjarji kontra ħames Stati Membri oħra](#) mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri kollha issa ttrasponew ir-regoli tal-UE dwar **il-protezzjoni tal-informaturi**, u dan jgħin biex jipprevjeni u jindirizza ksur tad-dritt tal-UE f'firxa wiesgħa ta' oqsma.

Il-Kummissjoni infurzat b'suċċess ir-regoli tal-UE dwar l-**ambjent**, saħħet ir-[reġim tar-responsabbiltà ambjentali](#) u r-regoli dwar il-[valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali](#) fl-Istati Membri³². Il-proċeduri ta' ksur wasslu wkoll għal

¹⁹ 18 % ta' dawn il-każijiet kienu nfetħu aktar minn 5 snin ilu, u dan juri l-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas l-għadd ta' każijiet pendenti fit-tul tagħha.

²⁰ [34.3 xahar](#) meta mqabbla ma' 36,4 xahar fl-2024.

²¹ Għall-professjonijiet mediċi u l-veterinarji f'[Malta](#), l-infermiera fl-Irlanda u l-konsulenti dwar il-karrieri fl-[Greċja](#).

²² Fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema tas-settur pubbliku f'[Ċipru](#) u t-trasferiment 'il barra tal-kapital tal-pensjoni fin-[Netherlands](#).

²³ F'każ imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-[Italja](#) rrimedjat id-diskriminazzjoni tal-lezzuri barranin.

²⁴ IS-[Slovenja](#) u l-[Finlandja](#) fir-rigward tad-[Direttiva dwar l-Infurzar tal-Istazzjonar ta' Ĥaddiema](#).

²⁵ [Franza](#) u l-[Italja](#) dwar it-tikkettar u l-Ungerija dwar il-[bejgħ bl-imnut tal-ikel](#), il-[bejgħ bl-imnut ta' prodotti ta' spiżeriji](#), u r-[reġim tat-taxxa bl-imnut](#).

²⁶ [Ċipru](#), il-[Polonja](#) u s-[Slovenja](#) kkonformaw mal-obbligi u l-każijiet tagħhom ingħalqu, filwaqt li l-[Bulgarija](#), l-[Irlanda](#) u l-[Portugall](#) ġew riferuti lill-Qorti talli naqsu milli jissodisfaw ċerti obbligi skont ir-Regolament.

²⁷ Il-każijiet kontra l-[Greċja](#) u l-[Litwanja](#) jistgħu jingħalqu iżda ġew adottati opinjonijiet motivati kontra [19-il Stat Membru](#).

²⁸ Pereżempju, każijiet kontra [tmien Stati Membri](#) jistgħu jingħalqu fir-rigward tat-traspożizzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr sewwiega għat-trasport ta' merkanzija.

²⁹ Iċ-[Ċekja](#) u l-[Polonja](#) lestew it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Ferrovjarja u l-[Polonja](#) lestiet it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-Interoperabbiltà filwaqt li l-[Ġermanja](#) solviet kwistjoni ta' applikazzjoni ħażina tad-Direttiva msemmija l-aħħar.

³⁰ Il-każijiet ingħalqu għall-[Estonja](#), il-[Kroazja](#), is-[Slovenja](#) u s-[Slovakkja](#) filwaqt li l-[Belġju](#), [Franza](#) u l-[Lussemburġu](#) rċew opinjonijiet motivati.

³¹ Il-Kummissjoni infurzat ir-regoli tal-UE dwar suq sekondarju għal self improduttivi billi [referiet sitt Stati Membri](#) lill-Qorti u għalqet każijiet kontra [sitt Stati Membri](#).

³² Il-każijiet kontra l-[Belġju](#), l-[Estonja](#) u n-[Netherlands](#) jistgħu jingħalqu.

konformità mal-obbligi tal-Istati Membri dwar il-pjanijiet nazzjonali tal-ilma, il-promozzjoni tal-kwalità tal-ilma tax-xmajjar u tal-lagi u għat-tnejja u l-ġestjoni tal-għargħar.³³ Il-politika tal-UE **dwar il-klima u l-enerġija** ġiet sostnuta bl-infurzar tal-[Iskema riveduta għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet \(ETS, Emissions Trading System\)](#) u l-Pjanijiet [Nazzjonali integrati dwar l-Enerġija u l-Klima](#). Barra minn hekk, [aktar Stati Membri](#) implimentaw [ir-regoli tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa tal-UE](#).

Il-Kummissjoni infurzat ir-regoli tal-UE dwar il-**moviment liberu u ċ-ċittadinanza** mħarsa **tal-UE**. Dwar dan tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja [ddeċidiet](#) li l-għoti ta' ċittadinanza bi skambju għal pagamenti jew investimenti ddeterminati minn qabel imur kontra d-dritt tal-UE. Il-Kummissjoni kompliet tirrispetta l-**istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tas-Suq Uniku**³⁴.

Azzjoni ta' infurzar determinata, inklużi sanzjonijiet finanzjarji

Filwaqt li l-Kummissjoni tistinka biex iġġib il-proċeduri ta' ksur għal tmien b'suċċess fl-istadji bikrija tagħhom, hija ma żżommx lura milli tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk dan ikun meħtieġ biex tinkiseb il-konformità. Fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni ppreżentat **45 każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**. Fil-każijiet kollha fejn it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi dan, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti timponi sanzjonijiet finanzjarji kontra l-Istat Membru kkonċernat ([15-il każ](#)). Dawn iċ-ċifri jikkonfermaw iż-żieda fl-għadd ta' deċiżjonijiet ta' riferiment f'dawn l-aħħar snin³⁵, evidenza tad-determinazzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel dak kollu li huwa meħtieġ biex tinforza d-dritt tal-UE.

Fl-ewwel 7 xhur tal-2025, 14-il Stat Membru kienu qed **iħallsu sanzjonijiet finanzjarji** imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jammontaw għal aktar minn EUR 302 miljun³⁶. Xi Stati Membri qed iħallsu diversi sanzjonijiet finanzjarji relatati ma' sentenzi differenti tal-Qorti. Dawn jikkonċernaw ir-regoli tal-UE dwar is-suġġetti li ġejjin, f'ordni ta' kobar: l-ażil, il-protezzjoni tal-whistleblowers, it-trattament tal-ilma mormi urban, il-mizblat tal-iskart, il-vetturi nodfa, is-servizzi awdjoviżivi u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni³⁷.

4. It-triq 'il quddiem

Matul l-4 snin li ġejjin, il-Kummissjoni se tkompli bl-azzjoni biex tagħmilha aktar faċli li jiġu implimentati l-liġi u l-politika tal-UE fil-prattika, billi tissimplifika r-regoli tal-UE u tnaqqas il-piżijiet regolatorji. Dan huwa meħtieġ biex tingħata spinta lill-kompetittività u lir-reżiljenza tal-ekonomija tagħna, u biex jinkiseb titjib rapidu u sinifikanti għan-nies u għan-negozji, filwaqt li jiġi żgurat li l-prijoritajiet u l-oġettivi tal-UE jiġu ssodisfati. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2026 adottat illum jirrifletti dan l-isforz, u jpoġġi enfasi ċara u qawwija fuq il-proposti għas-simplifikazzjoni.

Fir-rigward tas-**simplifikazzjoni**, fix-xhur li ġejjin, se jsiru aktar proposti omnibus u ta' simplifikazzjoni, inkluż fl-oqsma tal-ambjent, tal-karozzi, tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, tal-apparat mediku, provi kliniċi u dawk diġitali. Se niffukaw ukoll fuq kwistjonijiet urġenti oħra mqajma mill-partijiet ikkonċernati, bħal fl-oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-enerġija u t-tassazzjoni, u se nressqu wkoll proposti ta' simplifikazzjoni li jindirizzaw il-piż amministrattiv fuq iċ-ċittadini.

Peress li s-simplifikazzjoni trid tkun sforz kondiż f'ost l-istituzzjonijiet tal-UE, huwa importanti li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikomplu jipprioritizzaw il-ħidma fuq il-proposti omnibus u tas-simplifikazzjoni tal-Kummissjoni, jippreservaw l-enfasi tagħhom fuq is-simplifikazzjoni, filwaqt li jiksibu l-oġettivi ta' politika.

³³ Il-każijiet kontra l-[Bulgarija](#), [Spanja](#) u l-[Slovakkja](#) jistgħu jingħalqu.

³⁴ F'riferiment kontra l-Ungerija, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tittratta l-każ fi proċedura mgħaġġla, u din it-talba [ntlaqqgħet](#) mill-Qorti.

³⁵ Fl-2023 u fl-2024, il-Kummissjoni rreferiet 134 każ ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fosthom talba għal sanzjonijiet finanzjarji f'55 minn dawn il-każijiet.

³⁶ L-ammonti huma definittivi biss wara li jiġu eżawriti r-rimedji legali kollha. Ir-reġistru pubbliku jipprovdi [lista aġġornata](#) ta' każijiet ta' ksur li għadhom għaddejjin b'sanzjonijiet finanzjarji imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

³⁷ Il-multi mħallsa fl-oqsma tal-ażil, tat-trattament tal-ilma mormi urban u tal-mizblat tal-iskart jirriżultaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 260(2) tat-TFUE (it-tieni sentenza) filwaqt li l-multi mħallsa fl-oqsma l-oħra huma għal traspożizzjoni mhux kompluta tar-regoli tal-UE (skont l-Artikolu 260(3) tat-TFUE).

Il-Kummissjoni qed timpenja ruħha wkoll mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill sabiex l-istituzzjonijiet kollha jirrispettaw l-impenn tagħhom li jivvalutaw l-impatti tal-emendi sostanzjali tagħhom. Biex tgħin f'dan il-proċess, il-Kummissjoni qed tiżviluppa approċċ sempliċi u pragmatiku li kull Istituzzjoni tista' tuża għal dan il-għan.

Fir-rigward tal-**implimentazzjoni**, il-Membri tal-Kulleġġ se jkomplu jinvolvu ruħhom mal-partijiet ikkonċernati permezz tat-tieni ċiklu ta' djalogi dwar l-implimentazzjoni li se jsir qabel l-aħħar tas-sena. Dawn se jiffukaw fuq oqsma ta' politika diversi bħall-akkomodazzjoni affordabbli, il-konstruzzjoni, il-kompetittività tan-negozju reġjonali, il-kummerċ u s-sigurtà ekonomika, il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-enerġija, l-arkitettura kontra l-frodi u l-integrazzjoni bankarja. Il-Kummissjoni se tipprovi **appoġġ infassal apposta** lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE biex jinkiseb l-impatt intenzjonat tal-liġijiet u tal-politiki tagħna fil-prattika. Flimkien mal-ħidma tagħna biex nissimplifikaw ir-regoli, l-implimentazzjoni se tibqa' fil-qalba tal-enfasi tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea. Għal dan, il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u mal-Istati Membri tibqa' kruċjali biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-bidu ta' dan il-mandat.

Fir-rigward tal-**infurzar** tad-dritt tal-UE, l-**għadd ta' proċeduri attivi ta' ksur għadu għoli**, b'aktar minn [1 500 każ](#) li għadhom għaddejjin. L-Istati Membri kollha huma kkonċernati, għalkemm hemm differenzi sinifikanti fl-għadd ta' każijiet għal kull Stat Membru³⁸. Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u l-iżgurar tal-konformità se jibqgħu **prijorità ewlenija**. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-każijiet li ilhom jeżistu, mingħajr ma tiġi compromessa l-effettività tal-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni: l-infurzar tad-dritt tal-UE tfisser il-kisba tal-konformità u ta' riżultati pożittivi għan-nies u għan-negozji. Il-Kummissjoni kontinwament tistinka biex ittejjeb il-politika ta' infurzar tagħna, filwaqt li tiżgura li l-għodod tagħna jkunu adatti għall-iskop tagħhom.

Fil-**Komunikazzjoni tagħna "Ewropa aktar sempliċi u rapida"**, il-Kummissjoni stabbiliet aġenda ambizzjuża għas-simplifikazzjoni u għall-implimentazzjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività, lill-prosperità, lit-twettiq tal-politika u lir-reżiljenza fl-UE. L-ilħuq ta' dawn l-għanijiet jirrikjedi impenn qawwi mill-istituzzjonijiet u mill-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha, inkluż b'mod partikolari mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Dan ir-rapport jistabbilixxi l-bażi għal **djalogu strutturat** magħhom dwar l-istat kurrenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni tagħna, u aktar opportunitajiet għas-simplifikazzjoni. Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-Istati Membri biex jagħmlu sforzi komparabbli biex jissimplifikaw, jimplimentaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

³⁸ It-tliet Stati Membri bl-aktar każijiet miftuħa (Spanja, il-Polonja u l-Bulgarija) għandhom tliet darbiet aktar każijiet mill-Istat Membru bl-inqas proċeduri ta' ksur (il-Litwanja). Aktar informazzjoni u data dwar l-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni huma disponibbli [hawnhekk](#).